MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 21/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Antoinette Samut**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 20 ta' Frar, 2003 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 12 fi Triq Melita, l-Belt Valletta huwa ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) kif jidher mir-rapport tal-perit Joseph Mizzi A&CE tat-18 ta' Frar 2003 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali, tat-12 ta' Marzu 2003 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm 25,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata Antoinette Samut li tghid hekk:

Illi l-kumpens offert mir-rikorrenti Kummissarju tal-Artijiet ma huwiex dak li huwa rejalment u legalment dovut skond il-ligi u partikolarment imma mhux esklussivament, peress illi l-prezz offert huwa bazat fuq valutazzjoni li ma tiehux in konsiderazzjoni il-fatturi kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-valur tal-istess proprjeta' u lanqas tixhed il-valur veru partikolarment konsiderata l-lokalita'.

Illi l-valur rejali u legalment dovut ghall-fond 13, Triq San Pawl il-Belt Valletta huwa ta' hamsin u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000)

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkonsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Joseph Jaccarini u l-Perit AIC Renato La Ferla wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti

konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li huma hassew li ghandhom jigu kkunsidrati, is-sottofirmati qeghdin prezenzjalment jistmaw il-valur ta’ dan il-fond fil-prezz ta’ Lm24,524 (Erbgha u Ghoxrin Elf, Hames Mija u Erbgha u Ghoxrin Liri Maltin) u daqshekk ghandhom llum x’jirrelataw.

Illi l-ammont ta’ Lm24,524 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 57,125.55 (seba u hamsin elf, mija u hamsa u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmu);

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-fond fl-ammont ta’ Lm15,000 filwaqt illi l-perit arkitett tal-intimata iddikjarat illi l-valur rejali tal-fond mikri bis-somma ta’ Lm600 fis-sena huwa ta’ Lm35,000 meta fir-risposta taghha l-intimata kienet qed titlob Lm25,000. Huwa dan l-ahhar ammont li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghal-fini tal-ispejjez tal-kawza.

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, wara l-istima unanima tal-membri teknici, l-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimata li titrasferixxi bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut , l-fond Numru 12 fi Triq Melita, l-Belt bil-kumpens ta’ Euro 57,125.55 (seba u hamsin elf, mija u hamsa u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmu);

Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-18 ta’ Marzu 2008 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub. Huwa ghamel spejjez precedentement ghall-esproprju skond kif xehed il-perit arkitett tieghu fl-affidavit a fol 18. mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-

differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------